# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 22

18 ta' Jannar, 2021

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.06 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 22

22.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 21 – 9;
22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
22.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
22.5 Komunikazzjoni;
22.6 European Label of Governance Excellence (ELoGE);
22.7 L-Għid 2021;
22.8 Jum Sannat 2021;
22.9 Il-Ġemellaġġ ma’ Montefiascone;
22.10 Bordijiet għal aġġudikazzjoni u evalwazzjoni għall-offerti;
22.11 Ilmenti u Suġġerimenti;
22.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 1/2021;
22.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

# Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresida din il-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

22.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

22.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien avżat li l-Kunsillier Tewma kien se jattendi għal din il-laqgħa ftit tard.

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 21 – 9

22.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 21 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

22.3.1 Is-Sindku qal li dwar l-proġett ta' Triq Sannat ix-xogħolijiet qegħdin fi stadju avanżat ħafna imma għad fadal xi rqaqat li jridu jitlestew.Il-feeder pillars ġew installati t-tlieta li huma. Fil-kantuniera fejn hemm il-mappa tal-lokalita' hemm il-ħtieġa li l-bankina tiġi rranġata fejn ikkonsultajna mall-Perit u qal li aħjar jekk ngħamlu rampa llivellata bejn il-bankina u l-pavimentar eżistenti tal-area biex ikun hemm aktar aċċesibilita'. Il-junction huwa kwazi lest, dan l-aħħar ġie rranġat fejn jispiċċa l-waterculvert quddiem il-playing field peress li minn taħt it-triq kienet qed tiddeterjora ovjament fejn mhux ser isir tarmak ġdid għalissa peress li minn hemmhekk ix-xogħol ser isir mill-MGOZ b'kuntrattur ieħor, hemmhekk saru ħames gradilji għall-ilmijiet tax-xita biex ma ssirx ħsara lit-triq. It-temp mhux dejjem qed ikun favur dan il-proġett u l-Kuntrattur għad fadallu xi xogħol xi jsir. Il-Kunsill reġa talab lill-MGOZ għal materjal ta' traffic management, dik tal-mountable roundabout, diversi tabelli tat-traffiku u s-sinjali tat-traffiku, bħal pelican lights għal maż-żewġ żebra crossings eċċ. biex wara li titlesta din it-triq bit-tarmak dawn jiġu nstallati. Hu qal li fil-qrib il-Kuntrattur se jgħati t-tieni u l-aħħar kisja tarmak lit-triq. Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni li l-barriers li qed jifformaw roundabout fil-junction għandhom jitpoġġew kif mitlub biex dawn jiddevjaw it-traffiku u s-sewwieqa kif suppost. Il-Perit ġie mitlub jgħamel disin għal railing tal-istainless steel ta' quddiem il-latrini publiċi, berġa u għassa tal-pulizija, biex dan ikun jista jinħadem mill-ħaddiema tal-MGOZ. Rigward iz-zebra crossing ta quddiem l-għassa ġie propost mill-Perit li l-pjattaforma ta' dan ssir tar-rubber minħabba li din tkun triq tinqala minħabba t-tiġrija. B'hekk ikun jista jingħalaq dan il-proġett. Il-Viċi Sindku qallet li Triq Anton Tabone mdallma wisq, is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li din it-triq mhix fil-konfini tal-Kunsill tagħna, Is-Sindku qal li hu semmha kemm il-darba fir-Reġjun. Is-Sindku qal li rigward id-dawl ta' Triq Sannat dan ser ikun inkluz ma dak ta' Pjazza Santa Margerita. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021 f'nofsinhar, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ġew mistiedna mill-Ministeru għal Għawdex biex jiġi ffirmat il-ftehim tal-proġett tal-Pjazza Santa Margerita fil-Ministeru għal Għawdex stess. Il-Kunsillieri nteressati huma mistiedna jattendu. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm mistoqsijiet relatati ma' Triq Sannat. Il-Kunsillieri ma kellhomx mistoqsijiet.

22.3.2 Fis-2.09 p.m. il-Kunsillier Tewma daħal għal din il-laqgħa.

22.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv għamel diversi tentattivi u ta' l-parir li dwar l-isem Ta' Sannat fl-entratura ta' Triq Sannat fil-junction dan għandu jsir fuq ġebel tal-qawwi jew materjal simili peress li jekk isir ta' materjal ieħor dan ikollu bżonn tal-manutensjoni spissa. Dawn l-ittri li jifformaw l-isem ser isir quddiem arbuxelli li se jitħawlu apposta. Dwar dan biex ikun jista jsir għandna nkellmu lill-Perit biex japplika DNO mall-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Kunsillier Tewma qal li kien ssuġġerixa li tiġi nstallata road humps fi Triq ix-Xewkija qabel tidħol għal junction Ta' Sannat, dan sabiex is-sewwieqa jnaqqsu l-veloċita' qabel jidhlu fil-junction. Il-Kunsill għandu jara jekk din hiex vijabbli u jikteb lill-Transport Malta.

22.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv infurmaħ li riċenti l-Kunsill ġie l-meter reader tal-W.S.C. biex jaqra l-meter tal-berġa, l-iskrivan meta mar jiftaħlu sab li l-bieb ma setgħax jinfetaħ biċ-ċavetta li kellna sa minn snin ilu. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv tkellem mall-Uffiċjal inkarigat minn din il-berġa fejn nfurmah li sar bdil fis-seratura tal-bieb peress li din issa qed tintuża bħala store u meta l-meter reader ikun irid jaqra reading dan issa jrid jirreferi l-polyclinic tal-Gvern ir-Rabat Għawdex. Dwar dan kollu il-Kunsill qatt ma ġie nfurmat. Il-Kunsill qabel li tintbgħat ittra lill-Ministeru tas-Saħħa biex juri d-dispjaċir tiegħu li din ma għadiex ta' servizz lir-residenti kif suppost għandha tkun, dan peress li fil-passat kellha użu tajjeb.

22.3.5 Is-Sindku qal li ġie nfurmat mis-Segretarju Eżekuttiv li uffiċjal mill-ħaddiema tal-beach cleaning fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini nfurmawħ li l-bankijiet li hemm f'din il-bajja qed jiddeterjoraw bl-elementi naturali u li riċenti tnejn minnhom ġew miksura bil-maltemp. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jinbidlu u li jkunu ta' materjal b'saħtu għall-elementi tal-baħar.

22.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ġardinar assenjat mall-Kunsill infurmana li fil-Ġnien tal-Bidwi reġa wasal iż-żmien għal-ħart. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir bħas-soltu meta t-temp ikun jippermetti.

22.3.7 Is-Sindku qal lill-Kunsill li Triq Saguna tinsab b'nuqqas ta' informazzjoni dwar l-isem tat-triq u kull ma hemm fiha plakka waħda, dik mall-ħajt tal-iskola l-qadima, għalhekk qed jitlob li jiġu nstallati 3 plakki oħra bl-isem biex b'hekk tintgħaraf aħjar. Il-Kunsill qabel ma dan.

22.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nġabret kwotazzjoni waħda għal road hump fi Triq it-Tempju tal-Imramma li din it-triq hija kemm xejn ftit wiesgħa. Il-Kunsill ra din il-kwotazzjoni u qabel li l-għandu jara u jitlob kwotazzjonijiet oħra biex naraw insibux prezz aħjar. Jekk isir dan din tista tiġi ordnata u nstallata.

22.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie akwistat il-permess mill-ERA biex ikun jista jsir iż-żbir tas-siġar tal-ficus u li qed isir il-kordinament mad-Dipartiment tal-Aġrikultura. Il-Kunsill qabel biex isir dan ix-xogħol.

22.3.10 Is-Sindku qal li dwar il-proġett tal-monument tal-gwerra, l-Artist Manuel Farrugia għandu jgħaddi sketch ta' dan id-disinn biex dan jiġi diskuss ukoll mas-sotto-kumitat ta dan il-proġett. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Artist qal li qed jaħdem fuqu. B'hekk il-Kunsill ikun jista japplika għal permessi meħtieġa.

## 22.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

22.4.1 Is-Sindku staqsa lil kull Kunsillier jekk kienx hemm xi mistoqsijiet li hu jista jwieġeb.

22.4.2 Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni dwar ilment fuq 1 meter double yellow lines ma garaxx fi Triq Saguna. Is-Segretarju Eżekuttiv talab ritratti dwar dan l-ilment, meta ikollu dawn issir talba lil Transport Malta. Il-Kunsill qabel ma dan.

22.4.3 Il-Kunsillier Tewma staqsa dwar il-kantuniera mall-binja ġdida fi Triq Saguna kantuniera ma Triq Ta' Bebunaq dwar l-asfaltar bit-tarmak ta din il-parti. Is-Sindku nfurmah li din it-talba kienet saret lill-MGOZ.

22.4.4 Il-Viċi Sindku staqsiet x'sar dwar it-traffic managment f'Ta' Sannat. Is-Sindku qal li l-kwestjonarju dwar dan għadu mhux lest apparti dan irid isir impact assesment dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li dan impact assesment jiġi jiswa l-flus. Il-Kunsill qabel li fi Triq Xabbata jrid isir traffic management. Fi Triq Xabbata u Triq Marsilja qed isir parkeġġ bl-addoċċ. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-residenti qed jilmentaw meta partijiet minn Triq Ta' Ċenċ qed tkun magħluqa minħabba xogħolijiet ta' kostruzzjoni speċjalment l-parti tan-nofs fejn hemm ukoll maħsub li jsir aktar żvillup fejn l-uniku triq olternattiva hi Triq Xabbata. Is-Segretarju Eżekuttiv għadda suġġeriment lill-Kunsill biex issir laqgħa mas-sidien tal-ħwienet, il-Kunsill qabel li għandha ssir din il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar dwar il-laqgħa li kellha ssir dwar l-izvilipp li qed isir fil-lokalita' mall-Perit u l-Avukat. Fuq suġġeriment tal-Perit hu qal li inutli li jsir dan jekk ma tinbidilx il-policy tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Kunsill insista biex din il-laqgħa magħhom issir peress li jinsab preokkupat bis-sitwazzjoni ta' parkeġġ.

## 22.5 Komunikazzjoni

22.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkulari u Direttiva mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
Direttiva 07/2020 – Direttiva dwar il-laqgħat statutorji tal-Kunsill Lokali u l-laqgħat annwali
Ċirkulari 09/2020 – Emendi għall-Att dwar Gvern Lokali (Kap.363)
Ċirkulari Numru *SPI*/SCI/8/2020 – Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew ir-Raħal Kulturali tas-Sena 2022
Ċirkulari Numru *SPI*/SCI/9/2020 – Insaħħu il-ħidma ta' twettiq tal-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali u dawk Lokali

22.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
15 ta' Diċembru 2020 – Cir AKL 2020/134 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 40
21 ta' Diċembru 2020 – Cir AKL 2020/135 – Inizjattiva Rigal b' Imħabba – Milied għat-Tfal kollha
21 ta' Diċembru 2020 – Cir AKL 2020/136 – MentorAid – Sessjonijiet ta' taħriġ Presidenti Reġjonali, Sindki u Kunsilliera (PR, Social Media, CRM, Mental Health, Stress Management)
29 ta' Diċembru 2020 – Cir AKL 2020/137 – MentorAid – Waste Management Plan and Consultation Process – Webinar 07/01/2021
29 ta' Diċembru 2020 – Cir AKL 2020/138 – MentorAid – Financial Regulations 20/01/2021
29 ta' Diċembru 2020 – Cir AKL 2020/139 – L-Ewwel Term Skolastiku ġie fi tmiemu wkoll – GRAZZI
13 ta' Jannar 2021 – Cir AKL 2020/001 – Personal Accident Policy. Il-Kunsill qabel li din il-polza għandha titħallas.
13 ta' Jannar 2021 – Cir AKL 2020/002 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li din il-polza għandha titħallas.
15 ta' Jannar 2021 – Cir AKL 2021/003 – Minuti tal-Eżekuttiv Nr. 41
15 ta' Jannar 2021 – Cir AKL 2021/004 – Calypso Radio Outside Broadcasts
16 ta' Jannar 2021 – Cir AKL 2021/005 - Taħriġ Women in Leadership Level 6

22.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

22 ta' Diċembru 2020 – Re Ġbir ta' Posters b'rabta mal-Kampanja Nazzjonali Water – Be the Change tal-Water & Energy Agency

28 ta' Diċembru 2020 – Re Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 99 nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Jannar 2021 fis-6p.m.

30 ta' Diċembru 2020 – Re Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 99 nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Jannar 2021 fis-6p.m.

04 ta' Jannar 2021 – Re Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 99 nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Jannar 2021 fis-6p.m.

05 ta' Jannar 2021 – Re Parteċipazzjoni Proġett Slow Streets

12 ta' Jannar 2021 – Re Parteċipazzjoni f'Festival Internazzjonali tal-Bizzilla ġewwa l-Kroazja – Settembru 2021

12 ta' Jannar 2021 – Kjarifika – Re Parteċipazzjoni f' Festival Internazzjonali tal-Bizzilla ġewwa l-Kroazja – Settembru 2021

22.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mill-Planning Authority dwar applikazzjonijiet u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

16 ta' Diċembru 2020 – PA/07074/20 – Additions and alterations to existing dwelling (work to include internal alterations and extension of terrace) – Mr Raphael Aloisio, 9, Triq Skerla, Sannat

16 ta' Diċembru 2020 – PA/08497/20 – Extension of the existing farmhouse works include a construction of a shower room, minor alterations to extend the existing living area and the construction of an additional bathroom. Construction of a swimming pool and a basement including private car garage – Mr Emmanuel Mallia, Villa Feigel, Ta' Ċenċ, Ta' Sannat

16 ta' Diċembru 2020 – PA/08605/20 – Proposed demolition of existing structures, site excavation to the required level and construction of basement garage, street level garage and maisonette with pool, six apartments and two penthouses with roof pool – Mr Mark Schembri, Palm Court, Triq Xabbata, Ta' Sannat

22.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 3 ta' Frar 2020 id-DLG bgħat imjel biex issir laqgħa dwar żbilanċ finanżjarju tal-Kunsill għas-sena 2019 dan biex il-Kunsill jimxi mar-regolament finanzjarji kif tistipula l-liġi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għal din il-laqgħa virtwali se tintalab tattendi wkoll l-Accountant tal-Kunsill.

## 22.6 European Label of Governance Excellence (ELoGE);

22.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-uffiċċju tal-Kunsill se jattendi għal sessjonijiet ta' tagħrif dwar European Label of Governance Excellence.

## 22.7 L-Għid 2021

22.7.1 Is-Sindku qal li dwar l-attivitajiet b'konnessjoni tal-Għid il-Kunsilll diġa kellu maħsub dramm bl-isem Il-Kundanna li kien ser jittela' s-sena l-oħra pero minħabba l-Covid-19 dan ġie pospost. Il-Kunsill qabel li għandu jara s-sitwazzjoni preżenti għal dakinhar.

## 22.8 Jum Sannat 2021

22.8.1 Is-Sindku qal li l-attivitajiet marbuta ma' Jum Sannat għandu jara s-sitwazzjoni minħabba l-Covid-19 peress li s-sena l-oħra wkoll kien ġie pospost. Il-Kunsill qabel li xorta għandu joħroġ l-applikazzjonijiet għal-Premju Ġieħ Sannat u Rikonoxximent Żgħażugħ/a tas-Sena. Il-Kunsillier Bajada qal li hu kien ġibed l-attenzjoni li dwar l-applikazzjoni ta' Rikonoxximent Żgħażugħ/a tas-Sena wieħed irid jikkonsidra li mhux bilfors irid ikun qed jgħamel xogħol volontarju fil-lokalita'. Il-Kunsill fehem u qabel ma din il-proposta għaliex xorta jkun qed jgħamel unur lill-lokalita'.

## 22.9 Il-Ġemellaġġ ma' Montefiascone

22.9.1 Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-applikazzjoni li l-Kunsill kien applika minn Europe for Citizens Programme ħareġ ir-riżultat u ġiet milqugħa. Il-Kunsill għandu jaħtar sotto-kumitat biex jitkompla wkoll dan il-ġemellaġġ fejn mad-delegazzjoni li se tkun rapprezentata jiġu diskussi dawk il-materji mill-applikazzjoni li l-Kunsill kien applika. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir wine festival bħal dak li kien sar bl-inbid minn Montefiastone.

22.9.2 Is-Sindku qal ukoll li wieħed għandu jesplora jekk il-ġemellaġ ma' dak ta' Pisoniano minn naħa tagħhom jekk iridux li jitkompla. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 22.10 Bordijiet għal aġġudikazzjoni u evalwazzjoni għall-offerti

22.10.1 Is-Sindku qal li ġie nfuramat mis-Segretarju Eżekuttiv li jridu jinħatru l-bordijiet għal kwotazzjonijiet u l-offerti ta dawn:
Kwotazzjonijiet ta' Provision of Office Cleaning Service, Cleaning, Maintenance, opening and closing of Public Conveniences u Supply and installation of traffic signs il-Kunsill ħatar lil William Sultana u l-accountant Paulina Said.
Offerti ta', Period Contract for major road asphalting works u Services of an Architect il-Kunsill ħatar lill-accountant Pauliana Said, William Sultana u Dr Mario Calleja.

## 22.11 Ilmenti u Suġġerimenti

22.11.1 Il-Kunsill reġa rċieva imejl mingħand residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira riġward il-problema li għandha biex toħroġ minn darha meta tagħmel ix-xita. Il-Kunsill jaf b'din il-problema u meta jikseb il-fondi meħtieġa biex din it-triq tingħata wiċċ ġdid il-Kunsill għandu jaħseb għal water culvert.

22.11.2 B'referenza għall-ilment numru 33/2020, resident minn Triq Ta' Ċenċ ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li quddiem il-faċċata tal-għalqa tiegħu li tinsab fil-parti ta' fuq ta' Triq Ta' Ċenċ, ra żebgħa li tindika li se jitwaħħal arblu tad-dawl. Is-Sindku qal li bagħat imejl lil Enemalta kkupjata lill-Kunsill fejn talbahom jikkonfermaw li dan l-arblu se jkun qed jeħel b'mod temporanju. L-Enemalta ikkonfermat li dan se jkun qed jeħel hemm b'mod temporanju u se jitneħħa meta x-xogħolijiet ta' kostruzzjoni jkunu tlestew.

22.11.3 B' referenza għall-ilment numru 01/2021, residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira qed titlob li teħel ħadida mal-bankina li għadha kemm ġiet irranġata, peress li kull darba li jipparkja xi ħadd qed

ikissirha. Il-Kunsill għandu jikteb lill-Transport Malta dwar dan l-ilment u jekk din tiġi approvata, il-Kunsill jaqbel li ssir.

22.11.4 B' referenza għall-ilment numru 02/2021, residenta li toqgħod fi Triq Gerxija, qed titlob li jsiru double yellow lines ma ħajt tas-sejjieħ li hemm faċċata tal-garaxx tagħha. Qed titlob dan peress li meta jkun hemm xi vetturi ipparkjata ma dan il-ħajt ma jkunx jistgħu jidħlu u joħorġu bil-vetturi tagħhom ġol-garaxx. Il-Kunsill qabel li ssir talba lill-Transport Malta.

22.11.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ*, rigward weraq tal-bajtar tax-xewk li hemm mal-art fi Triq il-Gruwa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nforma lil ħaddiema tal-Kunsill biex dan il-weraq jinġabar u hekk sar.

22.11.6 Il-Kunsill irċieva messaġġ fuq facebook bir-ritratti rigward ħofra fi Triq Saguna. Il-Kunsill qabel li din għandha tiġi asfaltata.

22.11.7 Il-Kunsill irċieva imejl bir-ritratti rigward skart li qed jitħalla fi Triq l-10 ta' Ottubru kantuniera ma Triq Pisoniano. Dan ir-resident talab li jitwaħħlu tabelli ma din il-kantuniera, biex ma jitħalliex skart hemm peress li dawn il-boroż jistgħu jiġu mqatta mill-annimali u jkollhom konsegwenzi negattivi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil ħaddiema tal-Kunsill biex jitwaħħlu tabelli ma din il-kantuniera biex ma jitħalliex skart hemm. Il-Kunsill kien qal li hemm għandhom jiġu nstallati cctv cameras biex dan l-abbuż ma jibqax isir. Il-Kunsill qabel li għandu jinstalla dawn.

22.11.8 B'referenza għall-ilment numru 03/2021, residenta li toqgħod Triq Marsilja talbet li tiġi rranġata t-tarġa ta' fuq il-bankina. Il-Kunsill għandu jitlob lill-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System biex ikun jista jsir dan.

22.11.9 B'referenza għall-ilment numru 04/2021, persuna talbet għal-rampa fi Triq tal-Gruwa biex tkun aċċessibli għal qadi fir-raba. Il-Kunsill għandu jitlob lill-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System biex ikun jista jsir dan.

22.11.10 Il-Kunsillier Tewma qal li avviċinawħ xi bdiewa li fi Triq ta' Mġarr ix-Xini nxteħet xi terrapien u li dan bix-xita qed ikun ta' inkonvenjent għal minn jgħaddi bil-vettura. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar dan l-ilment il-Kunsill kien talab lill-MGOZ kemm il-darba dwar dan biex din it-triq tingħata wiċċ ġdid minn fejn kien tħalla mill-MGOZ stess.

22.11.11 Resident minn Triq Dun Xand Aquilina qed jilmenta li sa minn Novembru 2020 il-kollettur tal-iskart domestiku qed jiġbor l-iskart tat-triq u qed jitħalla ma tiegħu wara biebu biex meta jgħaddi l-iskamel dan jinġabar f'salt wieħed. Dan qed joħloq inkonvenjent għal dan ir-resident apparti li din hi xi ħaġa irresponsabbli u mhux iġeniku u mhix aċċettabbli. Hu qal li dan qed jiġri ukoll fi Pjazzetta tax-Xelina. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma b'dan lill-Kuntrattur.

## 22.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 1/2021

22.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 1/2021 li kienet intbgħatet permezz ta imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagament għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Viċi Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 22.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

22.13.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.15 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 22 ta’ Frar 2021, fis-2.00 p.m.

Konfermati, illum 22 ta’ Frar, 2021

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (Iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |